TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 434/10

**David Delicata**

**vs**

**N.N.G. Promotions Ltd. u Maltaticket.com Ltd.**

Illum 5 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-12 ta' Novembru, 2010 fejn ir-rikorrenti talab rifużjoni ta' tliet mija u tletin ewro (€330), u mitejn u tlieta u tletin ewro (€233) għal danni morali, minħabba l-fatt li kellu jmur jara l-kunċert ta' Joseph Calleja li kellu jsir fl-24 ta' Lulju, 2010 dan ġie pospost għad-29 ta' Lulju, 2010.

L-intimati ma preżentawx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendew għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara biljetti għall-kunċert ta' Joseph Calleja u ħallas tliet mija u tletin ewro (€330) u f'dik il-ġurnata li kellu jsir il-kunċert, dan ġie pospost għal data oħra, pero' r-rikorrenti kien se jkun imsiefer u għalhekk qed jitlob il-flus lura.

Ir-rikorrenti ġab il-provi li verament kien imsiefer f'dik il-ġurnata li kellu jsir il-kunċert.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi r-rikorrenti huwa kredibbli f'dak li qed jgħid peress li huwa sapportat bil-provi.

It-Tribunal, jinnota li sal-ħin tas-seduta, l-intimat kien għadu ma bagħatx risposta bil-miktub.

Illi l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet ma deherx u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba, kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smigħ.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lill-intimati in solidum iħallsu l-ammont ta' tliet mija u tletin ewro (€330), bl-ispejjeż kontra l-istess intimati.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**